# Saver iridha ta' Mosè

## ta' *Oliver Friggieri* p. 45

### A. Il-Karattri - *Immarka jekk dawn il-kwalitajiet jgħoddux għall-kappillan jew għal Saver.*



*Saver*



*Il-Kappillan*

| | | |
|---|---|---|
| | 1. Kont taqta' u tiekol minnu. | |
| | 2. Ma kiex jaf wisq skola. | |
| | 3. Ma jagħmilx preferenzi. | |
| | 4. Ħajtu dejjem għexha fl-istess raħal. | |
| | 5. Ma kellux xortih tajba. | |
| | 6. Ma kienx sinjur. | |
| | 7. Jieħu d-dinja biċ-ċajt. / Jippreferi jiċċajta milli jiġġieled. | |
| | 8. Kellu xewqa kbira li jagħmel xi ħaġa kbira għar-raħal. | |
| | 9. Bniedem preċiż u li qatt ma jieħu żball. | |
| | 10. Minn kliemu jidher li kien jirrispetta lil kulħadd. | |

### B. L-Isfond - *F'din in-novella nsibu tagħrif dwar l-isfond tal-ġrajja. Sib mis-silta s-sentenza li tagħtina dan it-tagħrif.*

| | |
|---|---|
| Fil-Ġimgħa l-Kbira minflok il-qniepen tindaqq iċ-ċuqlajta. | |
| Fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira jkun hemm minn suldati Rumani sa karattri mit-Testiment il-Qadim sa persunaġġi li kienu jgħixu fi żmien Ġesù. | |

| | |
|---|---|
| Il-karattri f'dawn il-purċissjonijiet ikunu liebsa kostumi li jiswew il-flus u mżejna b'aċċessorji li jkomplu jagħmluhom attraenti | |
| Il-persuni li jilbsu f'dawn il-purċissjonijiet iżommu posthom minn sena għall-oħra. | |
| Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tiddependi mill-ħidma tal-voluntiera li l-biċċa l-kbira minnhom ikunu rġiel. | |

## Ċ. Il-Plott - *Poġġi f'ordni dawn is-sentenzi biex tifformula taqsira tan-novella.*

| | |
|---|---|
| | Meta ħass li tassew kien jixbah lil Mosè, Saver mar jesprimi xewqtu lill-kappillan, li min-naħa tiegħu mill-ewwel qatagħlu barra għaliex dan il-personaġġ diġà kien meħud minn Peppi. |
| | Meta rah hekk imbaqbaq il-kappillan stiednu biex imorru fil-knisja biex jaraw jekk kiex tassew jixbah lil Ġuda tal-pittura. |
| | Saver kien sorpriż bit-tweġiba tal-kappillan, għaliex qatt ma kien għaddielu minn moħħu li Peppi kien qed jaħdimha ta' Mosè. |
| | Saver minn dejjem kellu x-xewqa li ried jagħmel xi ħaġa kbira għar-raħal. |
| | Biex jiġi tassew jixbah lil Mosè li kien hemm impitter mas-saqaf tal-knisja, Saver ħalla d-daqna u tawwal xagħru. |
| | Saver ħareġ mill-knisja b'saqajh ma' dahru u baqa' sejjer dritt iqaxxar id-daqna u jaqta' xagħru biex żgur ħadd aktar ma jerġa' jqabblu ma' Ġuda. |
| | Xi rġiel li kienu qed jarmaw fil-knisja wkoll qablu mal-kappillan li Saver kien fula maqsuma ma' Ġuda. |
| | Malli Saver sema' lill-kappillan jitlob għal voluntiera biex jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, ġietu l-idea li jilbes ta' Mosè. |
| | Saver inkiser b'din il-proposta tant li ħadha bis-sħiħ kontra l-kappillan għaliex skont hu kien qiegħed joffendih. |
| | Meta l-kappillan ra li Saver ma riedx jifhem ipprova jsolvi l-problema billi offra lil Saver li jilbes ta' Ġuda. |

Isem : ________________________ Klassi: __________________